MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT

## DAVID SCICLUNA

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Numru 22/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Polidano**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-21 ta' April 2010 kontra John Polidano li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess John Polidano, reċidiv f'delitt, talli (1) kkoltiva l-pjanta *cannabis*; (2) kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kontra l-liġi u taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; (3) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża kontra l-liġi; (4) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina kontra l-liġi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-14 ta' Frar 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li fis-seduta ta' dakinhar stess, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu, u wara li l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tagħtu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati, iddikjarat għalhekk lill-ħati John Polidano, reċidiv, ħati talli:

1. fix-xhur qabel id-9 t'Awwissu, 2009 ġewwa l-fond 49 Triq id-Duluri, B'Bugia, kkoltiva l-pjanta *Cannabis*, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. fid-9 t'Awwissu, 2009, ġewwa l-fond 49, Triq id-Duluri, B'Bugia, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u

ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fid-9 t'Awwissu, 2009 ġewwa l-fond 47, Triq id-Duluri, B'Bugia, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

4. fid-9 t'Awwissu, 2009, ġewwa l-fond 47, Triq id-Duluri, B'Bugia, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12, 20 u 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3)(3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern

fuq id-Drogi Perikolużi [N.G 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 17(b), 18, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati**, John Polidano** għall-piena komplessiva ta' tmien (8) snin **priġunerija**, kif ukoll ikkundannatu jħallas multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi **(€2329.37),** kif ukoll li jħallas is-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (**€968.28**) rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-ħati. Inoltre ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment, ordnat li sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' dik il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> **"Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.**
>
> **"Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament *"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi"* [24.2.1997] (Qorti Kriminali); *"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri"* [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); *"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"* [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il *BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE* (Blackstone Press Limited 2001 edit)"**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Polidano ppreżentat fl-1 ta' Marzu 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita` diġa` ammessa minnu fl-ewwel opportunita` wara illi l-Avukat

Ġenerali ddeċieda illi jippreżenta l-Att ta' Akkuża, iżda tirriformaha dwar il-piena u minflok tagħti piena anqas illi tagħmel għall-każ; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu aggravju wieħed li huwa dwar il-piena. Huwa jressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti tliet punti prinċipali li, skond hu, għandhom iwasslu għal piena iżgħar. L-ewwel punt jirrigwarda d-diskrezzjoni użata mill-Avukat Ġenerali. Dwar dan huwa jgħid:

> "**Fl-ewwel lok id-diskrezzjoni użata mill-Avukat Ġenerali** illi jibgħat lill-appellanti quddiem il-Qorti Kriminali flok jipproċessah quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet deċiżjoni gravuża u illi torbot idejn il-ġudikant anke fil-piena. Aktar minn hekk, f'każ bħal dan, peress illi l-każ ikun tela' quddiem il-Qorti Kriminali, anke l-Qorti Kriminali jkollha żżomm ċertu bilanċ bejn il-pieni li jingħataw f'każijiet oħra quddiemha u minħabba din ir-raġuni, l-esponenti neċessarjament u immankabilment sofra fil-fatt inġustizzja miegħu. Dan il-punt li qed jitqajjem huwa identiku għal dak li diġa` ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Jannar 2013 fil-kawża **John Camilleri vs Malta** fejn dik il-Qorti wara li ddikjarat ammissibbli li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 u li kien ammissibbli wkoll l-ilment li kien hemm vjolazzjoni tal-*fair trial*, żammet biss biex iddeċidiet illi kien hemm vjolazzjoni fil-fatt u fil-mertu tal-Konvenzjoni fl-Artikolu 7 minħabba l-inċertezza tal-liġi. Fuq l-*unfair trial* dehrilha illi ma kienx meħtieġ illi tidħol pero` ma ddikjaratux mhux ammissibbli jew manifestament infondat.
>
> "L-esponenti qiegħed jinsisti fuq dan il-punt għaliex meta s-sentenza ssir definittiva, huwa jidhirlu illi għandu jibbenefika mill-iżviluppi li joħorġu mis-sentenza **Camilleri** meta ssir definittiva."

**6.** Issa, il-każ **Camilleri vs Malta** kien jittratta l-artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu hu prattikament identiku għall-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-liġi applikabbli fil-każ odjern. Din il-Qorti hi konxja mill-fatt illi kieku l-Avukat Ġenerali ordna li dan il-każ jiġi trattat mill-Qorti tal-Maġistrati, il-piena applikabbli għall-ewwel żewġ akkużi kienet tkun dik ta' priġunerija għal perijodu ta' mhux anqas minn sitt xhur iżda mhux aktar minn għaxar snin u multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux aktar minn ħdax-il elf sitt mija

u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87); filwaqt illi l-piena għat-tielet u r-raba' akkużi kienet tkun dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien. Peress illi l-Avukat Ġenerali ordna li l-appellant jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, il-piena dwar l-ewwel żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża kellha tkun dik ta' priġunerija għall-għomor b'dan illi (aa) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa; jew (bb) meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu, f'każijiet bħal dawn il-qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67); filwaqt illi l-piena għat-Tielet Kap u r-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża kellha tkun dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).

**7.** Irid jiġi osservat illi meta l-appellant iddikjara ruħu ħati quddiem il-Qorti Kriminali ta' l-akkużi dedotti fl-Att ta' Akkuża, huwa kien jaf illi l-piena massima li kienet qed tintalab mill-Avukat Ġenerali kienet dik ta' priġunerija għall-għomor, iżda kien jaf ukoll illi seta' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena minħabba tali ammissjoni. Difatti l-artikolu 492(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: "Meta f'xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista', minflok il-piena msemmija, tagħti l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena."

**8.** Mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti huwa evidenti li hija ma qisitx li l-piena kellha tkun dik ta' għomor priġunerija u, inoltre, li kellu japplika l-paragrafu (aa) tal-*proviso* ta' l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġifieri l-parametri ta' piena ta' priġunerija dwar l-ewwel żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża kienu bejn minimu ta' erba' snin u massimu ta' tletin sena. Dawn il-parametri jidħlu in parti fil-parametri ta' piena li tista' tagħti l-Qorti tal-Maġistrati meta każijiet bħal dawn jiġu riferuti mill-Avukat Ġenerali lil dik il-Qorti. Fil-fatt il-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' wkoll fil-parametri ta' piena ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

**9.** Irid jingħad illi fil-mori ta' dan l-appell, permezz ta' l-artikolu 88 ta' l-Att XXIV tas-sena 2014 żdied is-subartikolu (2B) fl-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

> **"(2B) Meta, wara li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti Kriminali kif previst fis-subartikolu (2)(*a*) wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-numru u n-natura ta' kwalunkwe kundanni preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation* u d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-qorti hija tal-opinjoni li l-piena prevista fis-subartikolu (2)(*a*) hija sproporzjonata tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fis-subartikolu (2)(*b*)."**

Dan is-subartikolu huwa pjenament applikabbli anke f'dan l-istadju ta' l-appell.

**10.** Issa, dan huwa każ fejn kien hemm ammissjoni, f'liema ammissjoni l-appellant ippersista anke wara li ġie mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Qorti, kif titlob il-liġi, fuq il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tiegħu. Fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu

għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**11.** L-appellant iqis illi l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra l-ammissjoni tiegħu bħala waħda bikrija. Jgħid:

> "Bir-rispett kollu, l-ewwel Onorabbli Qorti meta ċaħdet l-ammissjoni bikrija u t-tnaqqis tal-piena għal dan ir-rigward, ikkunsidrat illi l-appellanti ma għamilx ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk is-sitwazzjoni kienet tkun mibdula radikalment. Li għandu jingħad li l-ammissjoni tiegħu bikrija kienet saħansitra mal-istess pulizija meta huwa dwar il-pjanti ammetta illi kienu tiegħu u kkoopera magħhom kompletament. Meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, <u>anke kieku għamel ammissjoni</u>, xorta waħda kienet issir il-kumpilazzjoni u r-raġuni hija illi d-deċiżjoni tal-akkuża jeħodha l-Avukat Ġenerali wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati lanqas kienet tkun kompetenti illi tista' tiddeċiedi fuq l-ammissjoni ma' l-ewwel dehra għaliex dik il-kompetenza tingħatalha biss meta jidhirlu l-Avukat Ġenerali. Mela dan ma jistax ikun kontra l-appellanti għaliex l-opportunita` <u>vera</u> meta huwa seta' jagħmel ammissjoni kien proprju fil-mument meta ġie mistoqsi mill-Qorti Kriminali li quddiemha kien imbagħad akkużat u se jiġi ġudikat illi kien il-mument opportun u legali fejn l-ammissjoni kienet tista' tiġi dikjarata u aċċettata.
>
> "Għaldaqstant l-esponenti kellu jibbenefika minn dan it-tnaqqis illi solitament jingħata.

**12.** Huwa veru li, bħalma ssottometta l-Avukat Ġenerali, l-appellant seta' ammetta wkoll qabel, cioe` fi kwalsiasi stadju minn meta ġie notifikat bl-Att ta' Akkuza 'l quddiem; seta' anke irregistra ammissjoni fil-kors ta' l-istruttorja; pero` wiehed m'ghandux jippretendi li f'każijiet hekk serji, fejn tkun qed tintalab saħansitra l-piena ta' priġunerija għall-għomor, l-akkużat m'għandux jieħu ż-żmien tiegħu biex iqis u jwieżen sew u akkuratament iċ-ċirkostanzi kollha qabel ma jammetti. Iżda anke jekk l-ammissjoni ta' l-appellant kellha tiġi

kkunsidrata bħala waħda bikrija, bħalma ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fil-kawża **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" mogħtija fil-5 ta' Lulju 2002, l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**13.** Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni ġew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduċiet il-bran segwenti mill - (Blackstone's Criminal Practice, 2001, para. E1.18, p.1789).[1]

> **""Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr App R (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr App R (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr App R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood*[1997] 1 Cr App R (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1999] 2 Cr App R (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10 Cr App R (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr App R (S) 908)). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr App R (S) 281; *Okee* [1998] 2 Cr App R (S) 199)). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an enquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr App R (S) 415). The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr App R (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea',**

[1] Illum fir-Renju Unit jeżistu linji gwida maħruġa mis-Sentencing Guidelines Council.

> **where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts." (Blackstone's Criminal Practice, 2001, para. E1.18, p.1789).**

**14.** Fil-każ in eżami, ma kellhiex tingħata importanza għal kemm kienet jew ma kinitx "bikrija" l-ammissjoni ta' l-akkużat. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirriżulta illi fid-9 ta' Awissu 2009 il-Pulizija kellhom mandat ta' tfittxija fuq l-appellant. Twaqqaf mill-Pulizija fi Triq id-Duluri, B'Bugia u minn hemm akkompanjawh fir-residenza tiegħu 47 Triq id-Duluri, B'Bugia. Hemm sabu, *inter alia*, qartas bi trab kannella li rriżulta li kien eroina kif ukoll biċċa raża li rriżulta li kienet raża tal-*cannabis*. Inoltre fl-istess residenza sabu ċwievet li kienu tal-fond adjaċenti numru 49 Triq id-Duluri, B'Bugia u meta l-Pulizija daħlu f'din ir-residenza sabu diversi xtieli tal-pjanta *cannabis.* Fl-istqarrija lill-Pulizija l-appellant mhux biss ammetta li l-eroina u r-raża kienu tiegħu, iżda anke li l-pjanti tal-*cannabis* kien kabbarhom hu. Miċ-ċellulari ta' l-appellant saħansitra ġew estratti ritratti ta' pjanti tal-*cannabis*, uħud minnhom bl-appellant f'nofs il-pjanti. Jiġifieri hawn jista' jingħad illi dan kien każ fejn l-appellant inqabad "red-handed". Konsegwentement, filwaqt illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset biss il-fatt illi l-appellant kien ammetta qabel ma ġie ffurmat il-ġuri, l-appellant m'għandu l-ebda raġun jippretendi tnaqqis ulterjuri.

**15.** L-appellant isemmi wkoll illi hemm raġunijiet partikolari li minħabba fihom għandu jsir tnaqqis fil-piena. Jgħid:

> "Illi l-esponenti ma jgħidx illi m'għamilx żball imma s-sitwazzjoni ta' ħajtu hija mkissra kompletament speċjalment minħabba illi martu illi hija barranija ħarbet minn Malta u ħadet ukoll magħha lit-tifla. Huwa kien qiegħed jittama illi ħajtu jirregolaha sewwa pero` dan ma rnexxilux jagħmlu għar-raġunijiet illi meta sab ruħu illi dak li kien qed jibni, f'daqqa waħda tkissirlu kollox, aktar waddbu f'dipressjoni u fil-fatt il-*cannabis* li kien qiegħed jikkoltiva kienet għalih innifsu."

**16.** L-ewwelnett l-appellant ma jgħidx meta seħħ li martu ħarbet minn Malta flimkien mat-tifla. Lanqas ma jgħid x'seta' wassal biex hi tieħu dan il-pass. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti ma tistax tqis dan bħala ġustifikazzjoni għall-ħajja refrattarja tiegħu. Ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu fil-fatt turi, almenu *prima facie*, li l-ħajja ta' l-appellant hi karatterizżata minn sensiela ta' reati ta' serq, frodi u ksur tal-liġijiet kontra d-droga. Kwantu għal reati kontra l-liġijiet tad-droga, huwa nstab ħati tmien darbiet għal pussess personali, jew pussess aggravat, jew traffikar. Tul is-snin ġie kkundannat sentenzi ta' priġunerija disa' darbiet, erba' darbiet minnhom flimkien ma' multa, sentenzi sospiżi ta' priġunerija darbtejn, ħlas ta' multa seba' darbiet oħra, ħlas ta' ammenda darba, u *conditional discharge* darba.

**17.** L-appellant jgħid illi l-*cannabis* li kien qiegħed jikkoltiva kienet għalih innifsu. Din il-Qorti ma tqisx li dan hu minnu, almenu li kienet kollha għalih. L-ewwelnett permezz tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża l-appellant ġie akkużat li kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* f'ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. L-appellant donnu nesa illi meta ammetta l-akkużi quddiem l-ewwel Qorti, huwa ammetta anke għal din l-akkuża. Inoltre fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija jgħid illi huwa kien ipprova jpejjep mill-pjanti li kien żera' u m'għoġbitux u għalhekk xtara biċċa raża tal-*cannabis* biex juża lilha. Mela jekk ma kellux intenzjoni li jpejjep mill-weraq tal-pjanti li kien qiegħed ikabbar, għaliex ma qalax u rema kollox? Ir-risposta hi ovvjament fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża.

**18.** Waqt sottomissjoiiet orali, id-difensur ta' l-appellant qal illi fil-piż tal-weraq ikun hemm ħafna ilma u għalhekk il-piż proprju tiegħu "ikun ċkien enormement". Din il-Qorti tixtieq tattira l-attenzjoni tad-difiża, pero`, għall-fatt illi l-piż mogħti mill-espert forensiku huwa tal-weraq niexef biss mingħajr iz-zkuk u l-għeruq – ara relazzjoni ta' Godwin Sammut a fol. 68 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni. Mela l-piż mogħti ta' 763 grammi huwa preċiżament tal-weraq niexef biss. Nonostante illi kien hemm ħmistax-il pjanta, il-piż riżultanti kien wieħed elevat. Il-pjanti fil-fatt kienu kbar u kien hemm minnhom anke żewġ metri u fuqhom għoljin.

**19.** Il-*cannabis* hija waħda mid-drogi perikolużi kontrollati mill-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Hi waħda minn dawk id-drogi li dwarha hemm letteratura li tiddeskrivi l-perikoli u konsegwenzi derivanti mill-abbuż tagħha, konsegwenzi fiżiċi, mentali, psikoloġiċi, mediċi u soċjali.[2]

**20.** Ir-reati taħt l-ewwel żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża huma reati serji u konsegwentement il-piena għalihom trid tirrifletti dik il-gravita`. Kif intqal f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, deċiż minn din il-Qorti diversament kmposta fid-19 ta' Frar 2004, **"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluża importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħa fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*)."** Difatti f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."**

**21.** Fil-każ in eżami meta wieħed iqis l-ammont ta' droga involuta[3], in-natura ta' l-akkużi dedotti kontra l-appellant li għalihom ammetta – inkluż li hu reċidiv, l-anteċedenti ta' l-appellant proprju f'dan il-qasam ta' ksur tal-liġijiet tad-droga, il-fatt li ma kien ta' ebda għajnuna lill-Pulizija peress illi ma nfurmahomx

[2] Ara f'dar-rigward l-aħħar studju (ippubblikat l-ewwel darba *online* fis-7 ta' Ottubru 2014) tal-Professur Wayne Hall mill-Universita ta' Queensland intitolat "What has research over the past two decades revealed about the adverse health effects of recreational cannabis use?" fejn jikkonkludi: "The epidemiological literature in the past 20 years shows that cannabis use increases the risk of accidents and can produce dependence, and that there are consistent associations between regular cannabis use and poor psychosocial outcomes and mental health in adulthood." http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.1111/add.12703/pdf

[3] Skond il-linji gwida introdotti bl-Att XXIV ta' l-2014 għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali permezz tar-Raba' Skeda annessa mal-Kap. 101, meta l-ammont ta' *cannabis* ikun anqas minn mitt gramma – li mhux il-każ fil-każ tallum – din tista' tittieħed bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita quddiem il-Qorti Kriminali.

minn fejn kien xtara l-eroina u r-raża tal-*cannabis*, il-fatt li kien hu waħdu responsabbli għat-tkabbir tal-pjanti in kwistjoni, u meta jitqies il-mod ta' kif l-Avukat Ġenerali f'tali ċirkostanzi eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena (li, jiġi ribadit, taqa' wkoll fil-parametri tal-piena li tista' tingħata mill-Qorti tal-Maġistrati) ma hi la *wrong in principle* u lanqas *manifestly excessive*, u hi proporzjonata għaċ-ċirkostanzi tal-kaz. Kwindi ma ssib l-ebda raġuni biex tiddisturba l-mod kif l-ewwel Qorti eżerċitat d-diskrezzjoni tagħha meta ddeterminat l-*quantum* tal-piena.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano** b'dan li l-perijodu għall-ħlas lir-Reġistratur tas-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (**€968.28**) spejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------